MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 404/2009

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Ali El Dwibi (Id.250101L).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u tmien Ewro u disgha u tmenin centezmu (€2,508.89) minghand il-konvenut, in konnessjoni ma mobile phone bin-numru 9989 1571, liema konvenut gie interpellat sabiex ihallas diversi drabi izda baqa inadempjenti. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-mandat ta' qbid numerat 1262/09, u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, hames mija u tmien Ewro u disgha u tmenin centezmu (€2,508.89), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------